# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 985

KAZ NRU. 966

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Lino Debono

u

Malta Drydocks

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum: 10 ta' Novembru 1998

**Chairman : Is-Sur Maurice Petrocochino**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 31 t'Awissu, 1995 biex jiddeciedi jekk l-allegata tkeccija tal-appellant kinitx ingusta u dana skond l-Art. 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'ittra datata 27 ta' Frar, 1996 is-Segretarju tat-Tribunal Industrijali nforma lill-appellant li l-kaz kien gie riferit lit-Tribunal Industrijali biex jiddeciedi jekk il-kaz prezentat minnu kienx terminazzjoni ngusta ta' mpjieg.

Kien f'dan l-istadju li l-appellant jmissu qajjem id-diskrepanza fit-*Terms of Remit* u ssolleva l-punt li t-tilwima

kienet nuqqas ta' ftehim dwar l-interpretazzjoni tal-Kodici tad-Dixxiplina - tilwima li setghet forsi tigi trattata bhala Trade Dispute skond l-Art. 27 u 29 tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali imma zgur mhux bhala tkeccija ngusta kif provdut fl-Art. 28 tal-Ligi fuq imsemmija.

Din id-diskrepanza tirrizulta konfermata mill-istess Dikjarazzjoni tal-kaz tal-appellant li sostna :-

A) Illi l-ghamla ta' l-Ad Hoc Bord ma kinitx kostitwita b'mod sewwa u xieraq billi c-Chairman ta' l-istess Bord kien l-istess persuna li :-

a) hareg l-akkuza kontra l-appellant u kien sejjer jit-tratta u jiggudika l-kaz huwa stess;

b) il-Bord Ad Hoc ma mexiex mal-Kodici tad-Dixxiplina;

c) li qatt u fl-ebda hin ma ngabu xi provi jew xhieda;

d) li qatt ma saru xi akkuzi li gew precizati jew li nghatat xi dokumentazzjoni lid-difiza; anzi l-unika darba li d-difiza talbet dokumenti, dan gie rifjutat lilha.

e) Il-Bord Ad Hoc qatt ma ta widen jew b'xi mod ried jaghti attenzjoni ghall-oggezzjonijiet validi li resqet id-difiza, liema oggezzjonijiet kienu waslu ghan-nullita' tal-akkuzi;

f) li s-sur Lino Debono ma kienx qed jinghata smigh xieraq u gust u deher car li l-Bord Ad Hoc kien qieghed hemm biss biex b'impressjoni li l-kaz qieghed jigi trattat, tinghata s-sentenza ta' tkeccija; u meta tali sentenza nghatat dan kien bi ksur tal-ftehim li sar fis-6 ta' Lulju, 1995, jigifieri li kellha ssir laqgha ohra bil-ghan li ssir trattaz-zjoni tal-kaz.

L-appellant issottometta wkoll li kienu saru zewg laqghat pero' l-Bord ta' l-Ewwel Appell iddecieda li ma kienx kompetenti jiggudika fuq il-kompozizzjoni tal-Ad Hoc Bord u seta' biss jittratta fuq is-sentenza. Kompla jghid li dan l-istess Bord ma qallux ghand min seta' jirrikorri ladarba kien qed isostni li hu ma kienx kompetenti.

Dan il-kaz beda jinstema' mit-Tribunal Industrijali diversament presedut u gie assenjat lic-Chairman prezenti fit-3 ta' Lulju, 1998 u fuq talba tal-partijiet giet iffissata l-ewwel seduta ghall-kontinwazzjoni fit-22 ta' Settembru, 1998.

F'dik is-seduta ic-Chairman talab lill-partijiet jissottomettu punti li jhossu rilevanti dwar il-fatt jekk it-Tribunal, kif kostitwit, kienx kompetenti li jiehu konjizzjoni tal-kaz.

Il-Malta Drydocks qablet li kien hemm diskrepanza u li l-kaz ma kienx wiehed li jista' jigi trattat skond l-Art. 28 tal-Kap. 266. L-appellant issottometta verbalment li r-rizultat tad-decizjoni tal-Malta Drydocks kienet tkeccija u allura tali tkeccija kienet ingusta.

Ra n-nota tal-appellant prezentata fis-seduta fl-10 ta' Novembru, 1998.

It-Tribunal ma jaqbilx ma din it-tezi u jiddikjara li mhux kompetenti li jiehu konjizzjoni tal-kaz.

----------------------
**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

-----------------
**Joyce Agius**
**A/SEGRETARJA**